



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 171/24

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-548/21 | Bezirkshauptmannschaft Landeck (Tentattiv ta' aċċess għad-data personali maħżuna fuq telefon ċellulari)

L-aċċess tal-pulizija għad-data li tinsab f'telefon ċellulari ma huwiex neċessarjament limitat għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja

Huwa jippreżupponi, madanakollu, awtorizzazzjoni minn qabel minn qorti jew minn awtorità indipendenti u għandu jkun proporzjonat

L-aċċess mill-pulizija, fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali, għad-data personali miżmuma fuq telefon ċellulari jista' jikkostitwixxi indħil gravi, jew anki partikolarment gravi, fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. Madankollu, ma huwiex neċessarjament limitat għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Il-leġiżlatur nazzjonali għandu jiddefinixxi l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għal tali aċċess, bħan-natura jew il-kategoriji tar-reati kkonċernati. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità f'kull każ konkret, li l-eżami tiegħu jimplika bbilanċjar tal-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni, dan l-aċċess għandu, barra minn hekk, ikun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn qorti jew minn awtorità indipendenti, flimkien fil-każ ta' urġenza debitament iġġustifikata. Il-persuna kkonċernata għandha tiġi informata bil-motivi tal-awtorizzazzjoni mill-mument li l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-investigazzjonijiet.

Il-pulizija Awstrijaka ssekwestrat it-telefon ċellulari tad-destinatarju ta' pakkett wara l-konstatazzjoni, waqt kontroll fil-qasam tad-droga, li dan il-pakkett kien fih 85 gramma ta' kannabis. Sussegwentement, hija ppruvat mingħajr suċċess tiżblokka t-telefon ċellulari sabiex taċċedi għad-data li kienet tinsab fih. Hija ma kellhiex awtorizzazzjoni tal-prosekutur pubbliku jew ta' mħallf, ma ddokumentatx dawn it-tentattivi ta' żblokk u ma informatx lill-persuna kkonċernata.

Din tal-aħħar ikkontestat is-sekwestru tat-telefon ċellulari tagħha quddiem qorti Awstrijaka. Huwa biss fil-kuntest ta' din il-proċedura li saret taf bit-tentattivi ta' żblokk ta' dan it-telefon ċellulari. Il-qorti Awstrijaka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-leġiżlazzjoni Awstrijaka li, skont dik il-qorti ¹, tippermetti lill-pulizija tipproċedi b'dan il-mod, kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni ². Hija osservat li r-reat li l-persuna kkonċernata kienet akkużata li wettqet kien suġġett għal piena ta' ħabs ta' massimu sena u għalhekk ma kienx jikkostitwixxi delitt.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża qabel xejn li, kuntrarjament għal dak li jsostnu ċerti gvernijiet, il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni tapplika mhux biss fil-każ ta' aċċess b'suċċess għad-data personali li tinsab f'telefon ċellulari, iżda wkoll fil-każ ta' tentattiv ta' aċċess għal din id-data.

Hija tikkonstata sussegwentement li **l-aċċess għad-data kollha li tinsab f'telefon ċellulari jista' jikkostitwixxi ndħil serju, jew anki partikolarment serju, fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata**. Fil-fatt, din id-data, li tista' tinkludi messaġġi, ritratti u l-istorja tat-tiftix fuq l-internet, tista', jekk ikun il-każ, tippermetti li jinġibdu konklużjonijiet preċiżi ħafna rigward il-ħajja privata ta' din il-persuna. Barra minn hekk, hija tista' tinkludi data partikolarment sensittiva.

Is-serjetà tar-reat li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni tikkostitwixxi wieħed mill-parametri ċentrali waqt l-eżami tal-

proporzjonalità ta' tali ndħil serju. **Madankollu, li jitqies li hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tista' tiġġustifika l-aċċess għal data li tinsab f'telefon ċellulari jillimita indebitament is-setgħa ta' investigazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Kieku kien hekk kienet tirriżulta żieda fir-riskju ta' impunità għar-reati kriminali b'mod ġenerali u għalhekk riskju għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja fl-Unjoni.** Minkejja dan, tali ndħil fil-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data għandu jkun previst mil-liġi, li jimplika **li l-leġiżlatur nazzjonali għandu jiddefinixxi b'mod preċiż biżżejjed** l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari **n-natura jew il-kategoriji tar-reati kkonċernati.**

Tali aċċess għandu, barra minn hekk, ikun suġġett għal sħarriġ preliminari mwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, ħlief fil-każ ta' urġenza debitament iġġustifikata ³. Dan l-istħarriġ għandu jiżgura ekwilibriju ġust bejn, minn naħa, l-interessi leġittimi marbuta mal-bżonnijiet tal-investigazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.

Fl-aħħar nett, **il-persuna kkonċernata għandha tiġi informata bil-motivi li tkun ibbażata fuqhom l-awtorizzazzjoni ta' aċċess għad-data tagħha, mill-mument li l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-investigazzjonijiet ⁴.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Għandu jiġi osservat li l-Gvern Awstrijakk sostna quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li abbażi tad-dritt Awstrijakk, hija meħtieġa ordni tal-prosekutur pubbliku sabiex ikun jista' jiġi ssekwestrat telefon ċellulari jew sabiex ikun hemm tentattiv ta' aċċess għal data li tinsab f'dan it-telefon ċellulari. Issa, fil-kuntest ta' proċedura preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, bħala prinċipju, tibbaża ruħha fuq il-kuntest leġiżlattiv nazzjonali kif ippreżentat mill-qorti tar-rinviju. Dan japplika wkoll għall-kuntest fattwali.

² [Direttiva \(UE\) 2016/680](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

³ F'dan il-każ, il-kontroll għandu jseħħ kemm jista' jkun malajr.

⁴ F'dan il-każ, il-persuna kkonċernata kienet taf li t-telefon ċellulari kien ġie ssekwestrat meta l-awtoritajiet tal-pulizija Awstrijaka ppruvaw mingħajr suċċess jiżblokkaw sabiex jaċċedu għad-data li tinsab fih. F'dawn iċ-ċirkustanzi, li tiġi informata bil-fatt li dawn l-awtoritajiet kienu ser jipprovwu jaċċedu għal din id-data ma kienx jidher li seta' jfjixkel l-investigazzjonijiet, b'tali mod li hija kellha tiġi informata b'dan minn qabel.